

Brussell, 16 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5446/26

SOC 23  
EMPL 8

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Komitat Konsultattiv  
dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għal Malta

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv  
dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għal Malta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2024<sup>2</sup>, il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-perjodu mill-25 ta' Settembru 2024 sal-24 ta' Settembru 2026.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Tania BROWN, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Malta nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tat-23 ta' Settembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C, C/2024/5865, 27.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/5865/oj>).

*Artikolu 1*

Is-Sur Andrea CARDONA huwa maħtur membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema minflok is-Sa Tania BROWN għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ....

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---